# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR

**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**

**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-15 ta' April 2024**

**Talba nru. 338/2020 IS**

**MARIA CARMEN sive MARLENE ZAHRA (I.D. 0380247 (M))**

***VERSUS***

**DORIANNE TURNER (I.D. 175278 (M)) F'ISIMHA PROPRJU U BĦALA KURATRIĊI TA' BINTHA YASMIN ZAHRA (I.D. 339606 (L))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2020 (a fol. 1 sa 3), l-attriċi talbet l-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) bħala kreditriċi illi tali somma kienet hekk iddepożitata fir-Reġistru tal-Qrati Maltin sabiex binha Justin Zahra ikun jista' joħroġ bil-ħelsien mill-arrest, u liema ammont ta' flus pero' qed jgħajjat lill-konvenuti.

Ra illi l-konvenuti ippreżentaw ir-risposta tagħhom fl-1 ta' Frar 2021 (a fol. 9).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fid-9 ta' Diċembru 2021, l-attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 85).

Ra illi fid-9 ta' Ġunju 2022, il-konvenuti għalqu il-provi tagħhom (a fol. 132).

Ra illi l-partijiet iddikjaraw illi l-provi huma kollha hekk magħluqa fid-9 ta' Ġunju 2022 (a fol. 132).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għal sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar illi l-attriċi kellha żewġ ulied, u ċioe' lil Justin Zahra u Carlo Zahra. Huwa wkoll fatt mhux kontestat illi Carlo Zahra kien miżżewweġ lill-konvenuta Dorianne Turner u kellhom tifla bl-isem Yasmin Zahra. Inoltre' fatt ieħor mhux kontestat hu illi Carlo Zahra illum jinsab mejjet.

Il-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet hu ta' min jappartjeni d-depożitu fl-ammont ta' ħamest eleft Ewro (Eur 5,000.00) illi sar fir-Reġistru tal-Qrati Maltin meta Justin Zahra ingħata l-ħelsien mill-arrest u ċioe' jekk tali depożitu jappartjenix lill-attriċi jew lil xi waħda mill-konvenuti.

Depożitu fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00)

Fl-avviż tat-talba, l-attriċi ssostni illi binha Justin Zahra kien ingħata l-ħelsien mill-arrest fi Frar 2010 u sabiex ikun hekk jista' joħroġ mill-ħabs, hi kienet ġabret fi flus kontanti dan l-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) b'dan illi pero' binha Carlo Zahra, illum mejjet, mar jiddepożita tali ammont fir-Reġistru u għamel hekk bħala mandatarju prestanome.

Min-naħa l-oħra, l-konvenuti isostnu illi tali depożitu jgħajjat lil Carlo Zahra jew lill-werrieta tiegħu *stante* illi l-irċevuta maħruġa mir-Reġistru tal-Qrati ta' Malta meta mar hekk jiddepożita l-imsemmi ammont tgħajjat lilu.

Dan it-Tribunal innota illi mill-kopja tal-ħelsien mill-arrest f'isem Justin Zahra, u liema kopja tinsab a fol. 40, jidher illi Justin Zahra ingħata tali ħelsien mill-arrest fit-12 ta' Frar 2010 fejn kellu jiddepożita fir-Reġistru l-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00).

B'dan illi pero' l-attriċi ġabet prova tal-kont tagħha bankarju fejn fl-*istatement* ippreżentat u li jinsab a fol. 16 u 17 fejn jidher illi l-attriċi ġibdet ammont ta' elfejn Ewro (Eur 2,000.00) fil-11 ta' Frar 2010. L-attriċi ittentat tgħid illi ġibdet tali ammont sabiex tkun tista' tħallas l-imsemmi ħelsien mill-arrest iżda dan it-Tribunal ma jistax jilqa' tali verżjoni tal-attriċi għal seba' raġunijiet illi ser ikunu elenkati hawn taħt:

1. Ix-xhieda tal-attriċi stess meta xehdet fl-20 ta' Mejju 2021 u li tinsab a fol. 18 sa 23 turi inkonsistenzi qawwija fl-ammont li ġibdet l-attriċi mill-kont bankarju tagħha fir-rigward tal-imsemmi depożitu b'dan illi jqajjem dubju serju dwar il-verżjoni mogħtija mill-attriċi

L-attriċi xehdet illi "*Issa jiena l-hamest elef mort ingib erbat elef*" (a fol. 19) biss pero' skond il-kopja tal-istatement tal-kont bankarju li jinsab a fol. 16 u 17 jidher illi l-attriċi ġibdet biss l-ammont ta' elfejn Ewro (Eur 2,000.00).

Inoltre', fl-istess xhieda, ftit iktar tard minn meta xehdet li ġibdet erbat elef (Eur 4,000.00), l-attriċi xehdet illi ġibdet erbat elef u ħames mitt Ewro imbagħad hamest elef (Eur 5,000.00) imbaghad illi ħarġet minnhom fi flus kontanti, fejn liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 19 u 20, u fejn xehdet is-segwenti:

"*Xhud: Hemm erbat elef u hames mija hemm hu.*

*It-Tribunal: Ehe qalleb ftit. Qalleb ftit.*

*Xhud: L-ewwel nahseb li hrigt hamest elef hawn jien?*

….

*Dr. Dean Hili: Minn hemmhekk jirrizulta illi ngibed ammont ftit inqas minn hekk. Il-bqija minn fejn gie jekk joghgbok?*

*Xhud: Il-bqija kelli xi haga mgemma d-dar, merfugh id-dar u kelli nohrog minn hemm il-kumplament*."

2. L-attriċi ġabet prova li ġibdet il-flus ġurnata qabel il-Qorti tat il-ħelsien mill-arrest lil Justin Zahra b'dan illi dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-attriċi kienet taf illi ser jingħata l-ħelsien mill-arrest binha Justin Zahra u kemm kien ser ikun l-ammont li kieku kellu jingħata l-helsien mill-arrest qabel ingħata. F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal jitħasseb meta anke qara x-xhieda ta' Justin Zahra meta xehed fl-20 ta' Mejju 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 23, meta xehed illi "*Kien qisu dik il-gimgha li kont hiereg bil-bail, l-avukat bejn wiehed u iehor ikun jaf li ha jaghtuna l-bail u kemm ser ikun bejn wiehed u iehor. U ppreparana biex intellghu il-flus. Prepara cioe' lil ommi u hekk ghax jien kont il-habs*." Dan it-Tribunal jifhem illi hemm proċeduri rigidi sabiex wieħed jingħata l-ħelsien mill-arrest u tali xhieda ma għandha ebda bażi legali fil-Liġi Maltija. B'dan illi dan it-Tribunal ma jista' qatt jaċċetta t-teżi illi l-attriċi ġibdet il-flus qabel ma kienet taf jekk binha hux ser jieħu l-ħelsien mill-arrest sabiex isir tali depożitu u żgur ukoll l-attriċi qatt ma setgħet tkun taf qabel jingħata l-ħelsien mill-arrest jekk u kemm ser ikun id-depożitu.

3. Dakinhar illi Justin Zahra ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-attriċi u binha Carlo Zahra kienu t-tnejn preżenti, u dan skond ix-xhieda ta' Justin Zahra meta xehed fl-20 ta' Mejju 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 24, fejn xehed illi "*Tawna l-bail u gejna biex niffirmaw il-kudizzjonijiet tal-bail u kollox. Il-mummy wahda ma tantx tinqala'…kienet eccitata minhabba fiha, forsi, nahseb jiena li affarijiet normali dawn, u peress li affarijiet hekk b'hekk kien jitla' hija maghha biex taghmilhom fuqu affarijiet hekk*." B'dan illi dan it-Tribunal ma jista' jsib ebda raġuni valida għaliex l-attriċi ma niżlitx hi nnifisha r-Reġistru u ddepożitat l-ammont hi.

4. Id-digriet li ingħata mill-Onorabbli Qorti datat 14 ta' Diċembru 2020, u liema kopja tinsab a fol. 82 u 83 juri b'ċar u unekwivoku illi ta permess lill-konvenuta sabiex tiżbanka tali depożitu a favur tal-minuri Yasmin Zahra wara li l-Onorabbli Qorti semgħet kemm

lill-konvenuta u anke lil Justin Zahra. Inoltre', fir-risposta tiegħu f'dan ir-rigward, u liema kopja tar-risposta tinsab a fol. 76 u 77, Justin Zahra ma semma' xejn illi tali depożitu sar minn Carlo Zahra bħala mandatajru prestanome iżda sempliċiment qal illi l-werrieta tiegħu ma jistgħux jiżbankaw tali depożitu għaliex il-Liġi ma tippermettix, b'dan illi ta x'jifhem illi fil-fatt id-depożitu jgħajjat lil Carlo Zahra.

5. Wara l-mewt ta' Carlo Zahra, l-attriċi riedet illi l-konvenuta Dorianne Turner tiffirma karta sabiex turi ċar illi l-imsemmi depożitu jappartjeni lill-attriċi u mhux lill-konvenuti jew min minnhom u dan kemm skond ix xhieda ta' Dorianne Turner datata 9 ta' Ġunju 2022 u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 133 sa 136. Dan it-Tribunal jifhem illi tali ftehim bil-miktub *se mai* kellu jkun hekk iffirmat mill-ewwel ġurnata bejn l-attriċi u Carlo Zahra sabiex ma jkunx jista' jqum ebda dubju 'il quddiem. Ġjaladarba, ma kien hemm l-ebda tali ftehim bil-miktub u ma jistax ikun ippruvat illi kien hemm tali ftehim verbali bejn l-attriċi u Carlo Zahra, dan it-Tribunal iżomm ferm mal-pożizzjoni illi jidher illi d-depożitu ma kienx jappartjeni lill-attriċi.

6. Il-konvenuta Dorianne Turner, kemm fl-affidavit tagħha ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2022 u li jinsab a fol. 119 u anke meta xehdet fid-9 ta' Ġunju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 133, dejjem saħqet illi l-irċevuta tad-depożitu kien żamma Carlo Zahra. Dan it-Tribunal jifhem illi *se mai* jekk l-ammont tad-depożitu kien jappartjeni lill-attriċi, hi kellha żżomm tali irċevuta jew għallinqas titlob tali irċevuta lura meta kienet taf li binha Carlo Zahra u l-konvenuta Dorianne Turner isseparaw bejn is-snin 2013 u 2014, u ċioe' bejn tlieta jew erba' snin wara li Carlo Zahra għamel l-imsemmi depożitu fir-Reġistru u snin qabel ma miet.

7. L-irċevuta nnifisha, u liema kopja tagħha tinsab fost oħrajn a fol. 57, turi b'mod ċar u unekwivoku l-isem ta' Carlo Zahra.

B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal ma jistax jilqa' l-verżjoni tal-attriċi.

Inoltre', dan it-Tribunal ma jaqbilx mat-teżi tal-attriċi illi l-konvenuta Dorianne Turner setgħet ippruvat hi minn fejn ħarġu l-ammont tad-depożitu jekk riedet tipprova illi kienu jappartjenu lil Carlo Zahra u dan għaliex dan it-Tribunal jifhem illi hu prinċipju assodit fil-Liġi tagħna, u ċioe' skond l-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*." Il-Qrati tagħna wkoll iddiskutew b'mod ampju tali prinċipju, fosthom fis-sentenza ***Anna mart Joseph Dingli v. Brian Abela u Arthur Ebejer***.[1]

<u>Il-leġittimu kontradittur</u>

L-attriċi ressqet din it-talba kontra Dorianne Turner u bintha l-minuri Yasmin Zahra b'dan illi

[1] 3 ta' Diċembru 2004, Qorti tal-Appell, Ref.: 1231/1994/1

pero' mid-dokumentazzjoni ippreżentata f'din it-talba, fosthom kopja tad-digriet numru 29/2019, jidher ċar illi Yasmin Zahra hi l-unika werrieta ta' missierha Carlo Zahra u Dorianne Turner m'għandha ebda setgħa fuq dan il-wirt, ħlief li tamministra tali wirt għan-nom ta' bintha ġjaladarba Yasmin Zahra għadha minuri.

Inoltre', ir-rappreżentanti legali tal-partijiet qablu fuq dan il-punt ukoll, hekk kif jidher mit-trattazjoni finali illi tinsab a fol. 137 sa 141.

B'dan illi għaldaqstant tali punt legali ma hux ser ikun diskuss f'iktar dettall iktar u iktar meta dan it-Tribunal hu tal-fehma illi tali depożitu ma jappartjenix lill-attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attriċi hekk kif dedotta minnha nnifisha fl-Avviż tat-Talba.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-attriċi

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur